AMMINISTRAZZJONI
TAT-TAXXA U D-DWANA
MALTA

# Stqarrija uffiċjali mill-Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta dwar *refund* tat-Taxxa lill-pubbliku minn siti mhux uffiċjali

Nixtiequ navżaw lill-pubbliku li ġiet innutata l-preżenza ta' siti tal-internet li qed jimpersonaw jew jippreżentaw ruħhom bħala l-website uffiċjali tal-Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta. Is-suġġett huwa dwar ***ir-refund* tat-Taxxa tiegħek**. Fin-notifikazzjoni hemm referenza għal siti bħal https://mtca.im/mt u https://mtca.lat/mt.

Is-sit uffiċjali u uniku tal- Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta huwa https://mtca.gov.mt.

Il-pubbliku huwa mitlub joqgħod attent u jevita li jipprovdi informazzjoni personali, dettalji ta' ħlas jew kwalunkwe informazzjoni sensittiva fuq siti li mhumiex uffiċjali jew verifikati.

Għalhekk, inħeġġu lill-pubbliku biex dejjem jivverifika li qed jaċċessa s-sit uffiċjali tal-MTCA qabel ma jipproċedi b'kull komunikazzjoni online.

Għal aktar informazzjoni, ċempel Freephone 153 (ext. 06).

**Grazzi tal-attenzjoni u l-kooperazzjoni tagħkom.**

**T** 153 (Citizens / Ċittadini) **T** 144 (Business / Negozji) **E** servizz@gov.mt mtca.gov.mt